# Kwadru tal-Madonna tal-Karmnu

## Knisja Arċipretali ta' San Filep Ħaż-Żebbuġ

**Kitba ta' Mario Fenech**

Il-knisja arċipretali ta' San Filep hija waħda mill-ewlenin fil-gżejjer Maltin għan-numru kbir ta' opri artistiċi ta' valur li hemm ġo fiha. Matul is-snin dawn l-opri ġew mibdula ma' oħrajn minħabba bdil strutturali jew tkabbir li kien sar fil-knisja. Insibu għadd ta' kwadri sbieħ esposti fis-sagristija tal-knisja li qabel kienu fil-knisja fuq l-artali sakemm tneħħew biex ġew mibnija n-navi.

Għaldaqstant nistgħu ngħidu li fil-knisja fuq l-artali hemm kwadri ta' valur u ta' devozzjoni kbira mqanqla minn dawk li matul is-snin żiedu tant opri maħduma fil-fidda, skultura, induratura u triehi b'rakkmu fin. Dawn jistgħu jitgawdew l-aktar waqt il-jiem tal-festa.



*Il-kwadru tal-Karmnu*
*Knisja Arċipretali San Filep – Żebbuġ*

Il-kwadru ta' l-artal tal-Madonna tal-Karmnu huwa xogħol ta' l-Artist Lazzaro Pisani, u dan jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-knisja int u dieħel fuq l-ewwel artal. Jidher li l-artist kien imfittex sew minn nies ta' Ħaż-Żebbuġ għax-xogħol tiegħu, dan għaliex fost l-oħrajn huwa għamel il-kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju ta' daqs kbir fil-kappellun, u l-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura li jinsab fis-Sagristija l-Qadima.

Jidher li l-kult Karmelitan f'din il-knisja għalkemm m'hemmx Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu, kien wieħed sod u popolari għaliex meta sar dan il-kwadru ġie mqabbad wieħed mill-artisti ewlenin ta' dak iż-żmien.

Fil-kwadru l-artist ippreżenta lill-Madonna b'ħarsa ħelwa u ta' grazzja. Il-figura tal-Bambin bilwieqfa hija waħda mhux tas-soltu għaliex parti mill-fisqija tiegħu l-artist pinġieha qiegħda tittajjar mar-riħ. Il-ħsieb wara dan skond il-fehma tiegħi kien li l-messaġġ u l-qawwa tal-Labtu tal-Karmelu huwa ġej mis-sema permezz ta' dan id-drapp abjad li qiegħed jinżamm minn idejn il-leminija tal-Madonna biex imbagħad qiegħed jingħata lil San Xmun Stokk minn idejn ix-xellugija tal-Madonna filwaqt li ninnutaw li l-Bambin Ġesù qiegħed ukoll juri b'idejh il-Labtu lill-Qaddis għarkubbtejh quddiem din ix-xena sabiħa.

Il-kumplament ta' din it-tila l-artist għażel li jimlieh b'għadd ta' anġli sbieħ jittajru b'ħarsa kurjuża biex jaraw sew din ix-xena mimlija b't'tant qdusija. Hawnhekk huwa qagħad attent biex ma jnaqqas xejn mill-attenzjoni ta' l-għajn minn fuq il-Madonna u l-Bambin.

Xogħol mill-isbaħ li jagħmel ġieħ lill-artist Malti, u li jagħti ġieħ lis-Sultana tal-Karmelu.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.